X'intom tgħidu?
PJAN PASTORALI - GĦAWDEX 2021-2022

# X'intom tgħidu?

It-tielet fażi
Il-komunità li teżamina lilha nfisha

## Laqgħa ta' eżami tal-kuxjenza fil-gruppi

## I. INTRODUZZJONI

Din il-laqgħa mhix faċli, imma hija importanti.

Jagħmlilna tajjeb li kull tant u tant nieqfu u nirriflettu fuq is-sitwazzjoni tagħna. Huwa għal ġid tagħna li minn żmien għal żmien nagħmlu *check-up* mediku; jagħmel tajjeb li xi kultant niċċekkjaw mal-għalliema dwar kif serjrin uliedna fl-iskola; jaqbel li tiċċekkja kif sejjer in-negozju jew l-investimenti. Dan jgħodd aktar u aktar għall-ħajja nisranija tagħna, għall-ħajja tagħna fil-Knisja.

Fil-Vanġelu nsibu mumenti fejn Ġesù jagħmel mistoqsijiet serji lid-dixxipli tiegħu, mhux biex jagħmlilhom xi eżami, imma biex jistedinhom jirriflettu, biex jistedinhom jaraw fejn waslu fil-mixja tagħhom warajh. Darba, fit-triq, wara żmien li kien ilhom mexjin warajh, għamlilhom din il-mistoqsija: "Min jgħidu n-nies li jien?... Imma intom," staqsiehom, "intom min tgħidu li jien?" (Mark 8:27-29). Darb'oħra, wara mixja oħra, daħlu d-dar u staqsiehom: "X'kontu qegħdin titħaddtu bejnietkom fit-triq?" (Mark 9:33). U lid-dixxipli fi triqthom lejn Għemmaws jistaqsihom: "X'intom tgħidu bejnietkom intom u miexja?" (Luqa 24:17)

Għalhekk, l-eżami tal-kuxjenza mhux eżami fis-sens li rridu nsibu t-tweġiba t-tajba; l-eżami tal-kuxjenza huwa stedina biex nirriflettu, biex inkunu sinċiera, biex naraw lilna nfusna bl-istess mod li jarana Alla: fil-verità u b'ħafna paċenzja: "Ħanin u twajjeb il-Mulej, idum ma jagħdab u kollu mogħdrija." (Salm 103:8)

Dan l-eżerċizzju, biex ikun jiswa ta' ġid, għandu jsir fi spirtu ta' talb – jiġifieri, f'għaqda ma' Alla – u fi spirtu ta' aħwa: ħadd mhu aħjar minn ħadd, u kull wieħed jista' jara l-istess ħaġa minn anglu validu.

Madanakollu, tajjeb li nishru biex nevitaw żewġ inganni kbar: il-qtigħ ta' qalb u l-vittimiżmu. Meta naraw id-difetti tagħna, wieħed jista' jaqta' qalbu għax jaħseb li m'hemmx mod kif ninbidlu, m'hemmx mod kif noħorġu mit-tali sitwazzjoni kerha, għamilna ħilitna kollha u kien kollu għalxejn. Dan kien il-ħsieb tad-dixxipli ta' Għemmaws; imma huwa ħsieb qarrieq: Alla jista' jiftaħ toroq li ma jistenniehom ħadd, għax għal Alla m'hemm xejn li ma jistax isir, u għalih lanqas hu impossibbli li wieħed jirxoxta mill-mewt: "U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?" (Luqa 24:26)

Il-periklu l-ieħor huwa l-vittimiżmu: li naħsbu li kull ħażen u żball hu dejjem tort tal-oħrajn, u li aħna sempliċiment il-vittmi ta' għemil ħaddieħor. Dan iwassalna biex nakkużaw lill-oħrajn u ma nammettux ir-responsabiltà tagħna. Meta nakkużaw lill-oħrajn, niskużaw ukoll lilna nfusna u nagħtu permess lilna nfusna li nibqgħu eżatt kif aħna, għax – naħsbu – aħna m'għandna ebda ħtija u diġà qegħdin fil-ġust. Dan ukoll huwa qerq. Fil-Vanġelu wkoll "kien hemm uħud li kienu jafdaw fihom infushom li huma ġusti u kienu jmaqdru lill-oħrajn." (Luqa 18:9) Il-verità, imma, hi li aħna midinbin ukoll, anzi, midinbin maħbubin.

## II. EŻAMI TAL-KUXJENZA TAL-GRUPP

Il-moderatur tal-laqgħa għandu jipprepara billi jaqra l-introduzzjoni t'hawn fuq, u jagħmilha tiegħu. Meta l-membri tal-grupp jinġabru, għandu jispjega fil-qosor l-iskop u l-metodu ta' din il-laqgħa.

Skont il-grupp li jkun, il-moderatur jagħżel is-set ta' mistoqsijiet li l-aktar jaqblu. Jekk iħoss li jkun ta' għajnuna, jista' jipprepara kopja tal-mistoqsijiet għal membri kollha tal-grupp.

Jekk mhux se jkun hu stess, għandu jiftiehem ma' min se jieħu n-noti ta' dak li se jingħad.

Imbagħad, il-moderatur imexxi lill-grupp tul il-laqgħa, bl-għajnuna ta' dawn il-passi li ġejjin.

### 1. Niġu konxji tal-preżenza ta' Alla

L-eżerċizzju ta' eżami tal-kuxjenza tal-grupp għandu jsir f'għaqda ma' Alla: huwa Alla li qed jistaqsina, u aħna nwieġbu.

Fil-bidu tal-laqgħa, il-moderatur jistieden lill-membri tal-grupp biex jiġu konxji li huma jinsabu fil-preżenza ta' Alla, li jafhom u jħobbhom hekk kif inhuma.

"Sinjur Alla, inti hawn u jiena fik." (S. Ġorġ Preca)

### 2. Talba biex naraw ċar

Ħafna drabi aħna naraw biss dak li rridu naraw, jew narawh dejjem mill-istess *point of view*.

Il-moderatur jistieden lill-membri tal-grupp biex jagħmlu talba għall-grazzja li jaraw l-affarijiet ċari, hekk kif inhuma.

"Fid-dawl tiegħek naraw id-dawl." (Salm 36:10b)

### 3. Radd ta' ħajr lil Alla

Il-verità hi li Alla tana ħafna grazzji; u permezz tagħna għamel ħafna ġid lill-parroċċa, lill-Knisja kollha u lid-dinja. Ta' xiex aħna grati lejn Alla?

Il-moderatur jistieden lil dawk kollha preżenti biex jaħsbu f'xi ħaġa li tagħha huma grati, partikularment bħala grupp. Wara ftit mumenti ta' skien, jistedinhom isemmu dik il-ħaġa li għaliha huma grati.

Il-moderatur stess, jew xi ħadd minn dawk preżenti, jieħu xi noti, biex dak li jingħad jiġi preżentat fil-qosor waqt l-assemblea parrokkjali.

"Kbir f'għemilu l-Mulej magħna!" (Salm 126:3)

## 4. Eżami tal-kuxjenza

Xi drabi nkunu distratti u ma nindunawx bil-grazzi ta' Alla; drabi oħra nindunaw bihom imma ma nilqgħuhomx jew nirrifjutawhom. Minn dan jinbet fina dak kollu li hu mgħawweġ u diżordnat.

Bil-għajnuna tal-mistoqsijiet, il-moderatur jistieden lil dawk preżenti biex jirriflettu fuq is-sitwazzjoni vera tagħhom u tal-grupp tagħhom. Biex ikunu konkreti, jista' jistedinhom jaħsbu f'medda ta' żmien definita (eżempju, fis-sena 2021 li għadha kif għaddiet).

Dawk preżenti jiġu mistiedna jwieġbu bis-sinċerità, u biex kemm jista' jkun jużaw l-ewwel persuna singular jew plural ("jien inħossni... / aħna nagħmlu...").

Il-moderatur jibda billi, fi kliemu, jindika s-suġġett tal-mistoqsija u t-tifsira qasira marbuta mas-suġġett (il-kolonna tax-xellug; eżempju, "Dak li jħeġġiġna. Il-grupp tagħna hu msejjaħ ikun għall-ġid tal-parroċċa.") Wara jagħmel il-mistoqsija prinċipali (il-kolonna tal-lemin; eżempju, "X'inhu dak li jixprunana fil-ħidma tagħna?"). Biex jgħin lill-grupp jirrifletti aktar, jista' jinqeda bil-mistoqsijiet sekondarji marbuta ma' kull tema.

Il-moderatur stess, jew xi ħadd minn dawk preżenti, jieħu xi noti, biex dak li jingħad jiġi preżentat fil-qosor waqt l-assemblea parrokkjali.

"Xejn ma hemm fil-ħolqien li hu moħbi għalih, imma kollox hu miftuħ għal għajnejn Alla, li lilu rridu nagħtu kont." (Lhud 4:13)

## 5. Talb ta' għeluq

Dak li jkun ingħad jista' jiġi mibdul f'talba.

Il-moderatur jistieden lil dawk preżenti jagħmlu talba lil Alla għall-għajnuna, għall-maħfra jew għal aktar dawl. Inkella jista' jagħmel talba hu stess li tkun tiġbor dak li jkun ingħad.

Fl-aħħar, il-laqgħa tintemm bit-talba tas-sena pastorali, jew bit-talba li ġiet mogħtija lilna fil-Magħmudija:

"Missierna, li inti fis-smewwiet..."